MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 104/2013

**Appell Nru. 104/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Simon Zammit**

**Illum 13 ta’ Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 140367(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bejn Lulju 2011 u Dicembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil Doris Zammit u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil-appellant hati u kkundannatu gimgha detenzjoni. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati tal-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena, u fin-nuqqas tinfliggi iena idonea minflok il-piena tad-detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi huwa qatt ma kellu jigi ikkundannat ghal-piena li tnaqqas il-liberta' personali tieghu minhabba l-faff li huwa naqas milli jissodisfa l-obbligazzjoni kuntrattwali civili tieghu skont il-kuntratt ta' separazzjoni li jhallas l-ammont fiss ta' manteniment fir-rigward ta' ibnu Andre'. Illi dan in-nuqqas ma kienx xi nuqqas b'kappric b' sens ta' pika fir-rigward ta' martu, izda kien gustifikat li jaghmel hekk peress li diga kien hallas il-manteniment ghal darbtejn fir-rigward ta' ibnu fuq il-perjodu imsemmi sopra f' dan l-appell, u apparti minn hekk minghajr pregudizzju ghal dan l-argument, huwa ma kienx f' pozizzjoni li jhallas kull xahar fit-terminu stipulat minhabba l-pozizjoni finanzjarja tieghu fil-kuntest tal-andament tax-xoghol tieghu bhala selfemployed.

Illi l-esponent bl-ebda mod ma jista' jigi ipprivat mill-liberta' personali tieghu peress illi hadd ma jista' jigi ipprivat mill-liberta' minhabba l-inkapacita' tieghu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali. Illi dan huwa dritt fundamentali

li huwa protett mill-Artikolu I tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bmedem u l-Libertajiet Fundamentali. Illi l-obbligu li wiehed ihallas mantemment lil konjugu l-iehor jew lil uliedu huwa obbligu kuntrattwali li johrog mill-kuntratt taz-zwieg bejn zewg persuni skont il-ligi. L-obbligu tal-manteniment huwa wiehed mill-obbligi kuntrattwali tal-kuntratt taz-zwieg.

Illi l-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li gie introdott fil-Kodici Kriminali permezz tal-Att Numru XIV tal-1983, li minnu jemergi r-reat ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku li wiehed jonqos li jhallas l-ammont ta' manteniment kif ordnat mill-Qorti jew stipulat f' kuntratt, liema reat huwa suggett ghal
piena ta' detenzjoni ta' mhux aktar minn tliet xhur, jew ta' multa ta' mhux aktar minn mitejn Euro (€200), jew ta' prigunerija ta' mhux aktar minn xahrejn, imur kontra l-Artikolu 1 tar-Raba Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea peress li jassoggetta lil min ikun akkuzat bir-reat imsemmi ghall-piena ta' detenzjoni jew ta' prigunerija, liema pieni jipprivaw lil persuna inkwistjoni mill-liberta' tieghu sempliciment ghall-fatt li huwa ma jkunx wettaq l-obbligu kuntrattwali tieghu li jhallas il-manteniment dovut flz-zmien stipulat. Illi l-obbligu li wiehed ihallas il-manteniment skont sentenza ta' separazzjoni jew skont kuntratt ta' separazzjoni, huwa obbligu kuntrattwali skont il-ligi li johrog mill-kuntratt taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponent jissottometti, illi peress li l-artikolu 338 (z) huwa anti kostituzzjonali, il-fatt li huwa gie ikkundannat ghal detenzjoni ta' gimghatejn, gew vjolati d-drittjiet fundamentali tieghu taht l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti wara l-prevja riferenza kostituzzjonali ghandha tiddisponi minn dan l-ewwel aggravju.

Illi fit-tieni lok, l-esponent jissottometti illi huwa qatt ma kellu jinstab hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu li huwa bejn Lulju 2011 u Dicembru 2011 naqas li jaghti lil Doris Zammit u/jew lil uliedek is-somma fix-xahar etc", meta l-manteniment li kellu jithallas dejjem jekk kien dovut

ghal perjodu in kwistjoni, ma kienx manteniment ghal martu jew uliedu, imma manteniment li kellu jithallas ghal ibnu Andre' li fil-perjodu inkwistjoni kien ghadu ma ghalaqx l-eta' ta' tmintax -il sena. Illi l-akkuza kif dedotta peress li tirreferi ghal "Doris Zammit u/jew lii uliedek" hija erronja peress li m' hemmx manteniment x' jithallas ghal Doris Zammit u lanqas ghal uliedu, peress li fil-perjodu inkwistjoni kellu wild wiehed biss li l-manteniment jithallas ghalih u mhux aktar minn wiehed. Il-ligi fl-artikolu 338 (z) tghid jonqos Ii jaghti Iil xi persuna, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fll-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna". Il-ligi f'dan ir-rigward tispecifika liema hi l-persuna li ghaliha l-manteniment qed jithallas u li ghandha dritt tircievi s-somma iffissata mill-Qorti jew stipulata fil-kuntratt. Illi sabiex ir-reat ta' kontravvenzjoni taht l-artikolu 338 (z) javvera ruhha, l-imputat li jkun akkuzat b'dan ir-reat irid ikun naqas li jaghti lil dik il-persuna partikolari is-somma iffissata jew stipulata bhala manteniment ghal dik il-persuna partikolari u mhux ghal persuna ohra.

Illi mill-akkuza kif dedotta fil-konfront tal-esponent, qatt ma seta' jinstab hati tal-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338 (z), peress li l-ammont tal-mantemment li skont il-kuntratt kellu jithallas lil martu, ma kienx ghal-martu, imma ghaz-zewg uliedu minuri, u Ii fil-perjodu in kwistjoni bejn Lulju u Dicembru 2011, il-manteniment kellu jithallas ghal wild wiehed biss peress Ii Roxanne kienet ghalqet diga t-tmintax -il sena.
Illi fit-tielet lok, l-esponent jissottometti illi huwa qatt ma kellu jinstab hati li huwa naqas milli jhallas is-somma ta' mija u sitta u tmenin Euro u hamsa u tietin centezmu (€ 186.35) bejn Luiju u Dicembru 2011, meta fil-fatt huwa ma naqasx milli jhallas l-isemmi ammont ta' manteniment f' dan il-perjodu.

Illi dan huwa minnu u verosimili peress illi kif sopra spjegat l-esponent kien affettwa disa' pagamenti ta' €380 fix-xahar bhala manteniment ta' zewgt itfal fil-perjodu bejn it-13 ta' Settembru 2010 u l-31 ta' Mejju 2011. Illi dawn il-pagamenti ta' €350- il wiehed kienu saru minkejja li Roxanne Zammit, kif spjegat sopra fuq, kienet ghalqet l-

eta’ ta’ tmintax- il sena u l-pagament tal-manteniment fir-rigward taghha ma kienx dovut skont il-kuntratt tas-separazzjoni. Illi dawn il-pagamenti fir-rigward tat-tifla li kienet ghalqet l-eta’ ta’ tmintax - il sena kienu saru bi zball ghas-semplici raguni li l-esponent ma kienx induna li kienet ghalqet l-eta’ ta’ tmintax - il sena.

Illi ghalhekk, peress li l-pagament tat-tifla ma kienx dovut, l-esponent kien hallas darbtejn fir-rigward tal-mantemment ta’ ibnu Andre’. Illi f’ dan il-perjodu huwa kien diga affettwa disa’ pagamenti aktar ta’ € 190 - il wiehed. B’ kollox, fuq dan il-perjodu
imsemmi, huwa kien hallas is-somma ta’ elf u seba’ mija u ghaxar Euro (€ 1,710) aktar minn kemm suppost. Ghaldaqstant, l-esponent kien diga hallas bil-quddiem il-manteniment ta’ ibnu Andre ghall-peijodu ta’ bejn Gunju 2011 u Frar 2012.

Illi ghaldaqstant, l-esponent jissottometti illi huwa ma setax jinstab hati li naqas milli jhallas il-manteniment bejn Lulju u Dicembru 2011 peress illi dan il-perjodu kien kopert bil-hlas li ghamel bil-quddiem fil-perjodu ta’ Settembru 2010 - Mejju 2011 meta hallas manteniment extra ghal bintu Roxanne meta din diga kienet ghalqet tmintax -il sena u skont il-kuntratt tas-separazzjoni l-manteniment kellu jieqaf mat-tmintax- il sena. Illi l-fatt li kien sar pagament ta’ € 380 fuq dan il-perjodu kien gie anki ammess minn martu Doris Zammit fis-seduta li kienet saret fl-1 ta’ Frar 2012 quddiem l-ewwei Qorti b’referenza ghal akkuza ohra.

Illi l-esponent fl-ahhar lok jissottometti illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ta’ gimgha detenzjoni hija sproporzjonata u ingusta fic-cirkustanzi kollha tal-kaz.

Illi l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra c-cirkostanzi kollha fosthom Ii fuq il-perjodu imsemmi bejn Lulju u Dicembru 2011, liema perjodu huwa l-perjodu mertu tal-akkuza li dwarha instab hati, huwa kien gie liberat mill-akkuza fir-rigward ta’ Lulju u Settembru 2011 peress li kien diga gie akkuzat dwarhom u l-Qorti kienet illiberatu fir-rigward ta’ Lulju 2011 u iliberatu b’ kondizzjoni fir-rigward ta’

Settembru 2011. L-ewwel Qorti kellha tikkunsidra wkoll illi fir-rigward tal-manteniment li kien dovut mertu tal-akkuza huwa hallas l-ammont dovut.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-ewwel Qorti fir-rigward ta' akkuzi dwar mantemment ta' xhur ohra wara l-perjodu mertu tal-akkuza li dwarha inghata gimgha detenzjoni, liema manteniment thallas ukoll fir-rigward ta' dawk ix-xhur, huwa inghata l-piena ta' twiddiba u canfira u mhux piena ta' detenzjoni. Illi dan qieghed jinghad b'referenza ghall-manteniment ta' April/Lulju 2012. Illi din il-piena anqas severa u mhux restrittiva tal-liberta' personali inghatat minkejja li l-pagament tal-manteniment fir-rigward ta' dawn ix-xhur sar tardivament u mhux fiz-zmien stipulat. Illi bhal ma sar fir-rigward ta' dawn ix-xhur seta' sar fir-rigward tal-akkuza li dwarha inghata sentenza ta' detenzjoni liema sentenza qed tigi appellata, l-aktar meta l-manteniment dovut ta' erba' thur thallas f'zewg seduti, wahda fit-28 ta' Novembru 2012 u l-ohra fl-20 ta' Frar 2013, id-data li fiha inghatat s-sentenza li qeghda tigi appellata.

Illi l-ewwel Qorti, tenut kont ta' dawn ic-cirkustanzi, ma kellhiex taghti l-piena ta' detenzjoni, imma piena ohra fosthom twiddiba, canfira, ammenda jew multa.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa separat minn martu permezz ta' kuntratt tas-16 ta' Mejju, 2008 in atti nutar Rueben Debono. Dan il-kuntratt jirregola wkoll l-manteniment dovut lil mart l-appellant Doris Zammit u ghal zewg uliedu fis-somma ta' €186.35 li kellu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar sakemm uliedu minuri jaghlqu l-eta' ta' 18 –il sena. L-appellant qieghed jallega illi bintu Roxanne Zammit ghalqet 18 –il sena fit-13 ta' Settembru, 2010 u skont hu ma ndunax illi bintu saret maggorenni u baqa' jhallas il-menteniment taghha sakemm induna illi kien qieghed ihallas bi zball. Peress illi t-tifel Andre Zammit kien ghadu minuri l-appellant iddecieda li jaghmel tpacijja ma l-ammonti zejda illi kien hallas u naqas illi jhallas il-menteniment ghal dawk ix-xhur

indikati fic-citazzjoni. Fi kliemu stess *".....hass illi ma kellux ihallas manteniment aktar peress illi bil-pagamenti li kien ghamel tal-manteniment huwa kien kopert fil-hlas ta' menteniment ta' ibnu Andre sa Frar 2012 ...."* (ara rikors ta' l-appell fol 25). Qal ukoll illi fl-ahhar seduta li saret fl-20 ta' Frar, 2012 l-appellant ta lil martu s-somma ta' €745 bhala manteniment. L-Ewwel Qorti pero' ma tantx deheret impressjonata b'dawn l-argumenti ta' l-appellant u b'Sentenza ta' l-20 ta' Frar, 2013 sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. Fl-ewwel agravju tieghu l-appellant jilmenta illi huwa naqas milli jissodisfa l-obligazzjonijiet tieghu kuntrattwali mhux b'kapric b'sens ta' pika fir-rigward ta' martu, izda il ghaliex kien diga hallas il-manteniment ghal darbtejn fir-rigward ta' ibnu u apparti minn hekk ma kienx f'pozizzjoni li jhallas kull xahar fit-terminu stipulat minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tieghu fil-kuntest ta' l-andament tax-xoghol bhala self employed. F'dan l-aggravju qajjem ukoll talba ghal referenza kostituzzjonali peress illi deherlu illi l-impozizzjoni ta' gimgha detenzjoni tmur kontra l-Artiklu 1 tar- raba' protokol tal-Konvenzjoni Ewropea peress illi jossoggetta lil min ikun akkuzat bir-reat imsemmi ghal piena ta' detenzjoni jew prigunerija liema pieni jipprivaw lil persuna nkwistjoni mill-liberta tieghu sempliciment ghal fatt illi huwa ma kienx wettaq l-obligu kuntrattwali tieghu li jhallas il-manteniment dovut fi zmien stipulat.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi din it-talba ghal referenza kostituzzjonali hija ghal kollox frivola u vessatorja, l-appellant gie mixli b'akkuza taht Ligi specifika illi l-ksur taghha jimponi parametri ta' sanzjoni illi wahda minnhom hija dik ta' ditenzjoni. Din il-Qorti ma tara xejn anti-kostituzzjonali f'din il-Ligi. L-Artiklu 338 tal-Kodici Kriminali d-dahhal ghal ta' apposta sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-partijiet illi jkunu soggetti ghall-obligazzjonijiet kuntrattwali jew ordnijiet tal-Qorti illi ma jigux osservati minn min ikun obligat jaghmel xi pagament

jew mizura ohra. Il-Ligi mbaghad taghti s-sanzjoni opportuna ghal min jikser din il-Ligi b'diskrezzjoni lill-Magistrat illi jkun se jiddeciedi jimponix multa jew prigunerija jew ditenzjoni. F'dan il-kaz, il-Magistrat iddecieda illi jmur ghal piena ta' ditenzjoni kif sanzjonata mill-Ligi u ma hemm xejn li jilledi xi drittijiet tal-appellant b'daqshekk u ghalhekk il-Qorti tichad it-talba ghal referenza kostituzzjonali.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu, l-appellant jghid illi m'ghandux ihallas peress illi diga hallas iz-zejjed u di piu, illi ma kienx f'pozizzjoni li jkompli jhallas minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tieghu.

Fir-rikors ta' l-appell jghid illi fis-seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012, martu, l-parti civili ammettiet illi rciviet minn ghand l-appellant €380. Din il-Qorti fittxet dan il-verbal u mkien ma qieghed fl-atti, bizzejjed jinghad illi l-ewwel dehera ta' l-appellant quddiem il-Qorti kien fl-14 ta' Marzu, 2012 u din il-Qorti ma tistax tifhem kif martu setghet tammetti li rciviet dawn il-flejjes xahar qabel, meta l-kawza lanqas kienet ghadha quddiem il-Qorti ! L-unika pagament illi jidher registrat huwa dak illi sar permezz tal-verbal tat-28 ta' Novembru, 2012 fejn qed jigi dikjarat illi l-appellnat hallas €370 bhala nofs l-ammont dovut. Il-kawza thalliet ghal darba ohra sabiex l-appellant ihallas in-nofs l-iehor izda dan il-hlas qatt ma sar u l-appellant baqa' moruz sal-gurnata ta' llum. L-appellant ma jistax jiggustifika dan in-nuqqas ta' hlas b'allegazzjoni ta' tpacija, biex dina tkun vinkolanti bejn il-partijiet iridu jaccettawha z-zewg partijiet koncernati, kemm l-appellant kif ukoll il-parti civili. Din ta' l-ahhar zgur qatt ma accettat illi l-appellant hallas izzejjed u ghalhekk ma jistax unilatarment jiddeciedi illi jzomm il-pagamenti ghaliex deherlu illi ghamel xi pagamenti zejda.

F'sitwazzjoni bhal din kien jinkombi fuq l-appellant igib il-prova illi ghamel it-tali pagamenti, din il-prova ma saritx u ghalhekk id-dikjerazzjoni ta' hlas tieghu tibqa wahda generika illi ma tistatx tigi verifikata, f'liema kaz allura

lanqas tlahhaq il-livell tal-probabli li jista jaghmel stat favur l-appellant.

L-appellant jghid ukoll illi huwa ma hallasx il ghaliex ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel hekk minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Hawn ukoll il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma ghandux ragun u ma jistax jinvoka din l-iskuza. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Il-Pulizija kontra Anthony Saliba (15 ta' Lulju, 1998) il-Qorti qalet, *".... Jekk persuna ma tkunx tista thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili obligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellat. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellan hu li jadixxi tempestivament u fi zmien utli li l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi bill se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni t-tali modifika li jkun jsita jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (ara wkoll Il-Pulizijz vs Alfred Camilleri 18 ta' Settembru, 2002). F'dan il-kaz, jekk l-appellant deherlu illi ghamel hlas zejjed messu adixxa lill-Qorti kompetenti sabiex jottjeni favur tieghu ordni ta' rifuzjoni ta' l-ammonti zejjed illi hallas. La ma ghamilx hekk jibqa marbut bl-obligi tieghu skont il-kuntratt tas-separazzjoni.

Ikkunsidrat.

Ghal dan li jirrigwardja l-piena l-appellant qieghed jilmenta illi dina kienet harxa wisq fil-konfront tieghu u l-Ewwel Qorti kellha diversi ghazliet quddiemha u mhux wahda restrittiva tal-liberta personali tieghu, hu ppretenda li piena ta' twiddiba u canfira kellha tkun bizzejjed.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument, harsa lejn il-fedina penali ta' l-appellant juri karattru refrettarju b'metodu xejn onest kif huwa jiggestixxi n-negozju tieghu, terqa jidher li huwa a "habitual defaulter" ghal dak li jirrigwardja l-hlas ta' menteniment lil martu u lil uliedu,

ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-Ewwel Qorti kellha ragun illi timponi piena ta’ ditenzjoni fil-konfront ta’ l-appellant ghax jidher illi dan ma jifhem xejn jekk mhux b’xi piena bhal din biex forsi jibqa jzomm ferm l-obligazzjonijiet kuntrattwali li ghandu versu martu.  Ghalhekk din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti kemm ghal dak li huwa l-meritu u kemm dak illi huwa l-piena.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------